

32006R1022

6.7.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 184/3

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1022/2006**tal-5 ta' Lulju 2006**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2005 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2826/2000 dwar l-azzjonijiet ta' tagħrif u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2826/2000 dwar l-azzjonijiet ta' tagħrif u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 4, 5(1), 12 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2826/2000 jiddefinixxi l-kriterji biex jintużaw biex ikunu determinati t-temi u l-prodotti li għalihom miżuri ta' informazzjoni u/jew promozzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ fis-suq intern. Dawn it-temi u prodott huma nnumerati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1071/2005 tal-Kummissjoni ⁽²⁾.
- (2) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2826/2000, għal kull wieħed mis-setturi jew prodotti miżmuma, għandhom ikunu stabbiliti linji gwida li jiddefinixxu l-linji ġenerali ta' kampanji li għandhom jitwettqu f'dawn is-setturi. Il-linji gwida għas-setturi u prodotti miżmuma jidhru fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1071/2005.
- (3) Il-kriżi riċenti tal-influenza avjarja ddistabilizzat is-settur tal-laħam tat-tjur billi pprovokat tnaqqis sinifikattiv tal-konsum li rriżulta fi kriżi ta' fiduċja tal-konsumaturi. Jidher għalhekk opportun li tkun prevista l-possibbiltà li jitmexxew miżuri ta' informazzjoni u/jew promozzjoni

f'dan is-settur fid-dawl li tinkiseb lura l-fiduċja tal-konsumatur b'mod sostenibbli, partikularment b'informazzjoni adegwata.

- (4) Għalhekk hemm lok li fil-lista jiddaħħlu prodotti biex ikun promoss il-laħam tat-tjur u li jkun stabbiliti linji gwida li jiddefinixxu l-linji ġenerali ta' kampanji li għandhom isiru f'dan is-settur.
- (5) Għalhekk meħtieġ li jkun emendat ir-Regolament (KE) Nru 1071/2005 bħala konsegwenza.
- (6) Il-miżuri previsti fir-Regolament attwali huma konformi mal-parir tal-Kumitat ta' Ġestjoni Konġunta "Promozzjoni tal-Prodotti Agrikoli",

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) 1071/2005 hu emendat kif ġej:

- 1) Fl-Anness I, huwa miżjud l-inċiż li ġej:
" — laħam tat-tjur "
- 2) Fl-Anness II, it-test stabbilit f'anness tar-Regolament attwali huwa miżjud.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Lulju 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 328, 23.12.2000, p. 2. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2060/2004 (ĠU L 357, 2.12.2004, p. 3).

⁽²⁾ ĠU L 179, 11.7.2005, p. 1.

ANNEX

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1071/2005, qed jiddaħħlu l-linji gwida ta' hawn taħt, marbuta mal-laħam tat-tjur:

“LAĦAM TAT-TJUR

1. Analiżi globali tas-sitwazzjoni

Il-kriżi ta' fiduċja tal-konsumaturi rigward il-laħam tat-tjur marbuta mal-pubbliċità eċċesiva fuq il-mezzi tal-massa tal-influenza avjarja ssarrfet fi tnaqqis sostanzjali fil-konsum. Għalhekk meħtieġ li tkun imsaħħa l-fiduċja tal-konsumaturi fil-laħam tat-tjur li joriġina mill-Komunità.

Biex dan iseħħ, jeħtieġ li tingħata informazzjoni oġġettivi dwar is-sistema ta' produzzjoni Komunitarja (regoli ta' kummerċjalizzazzjoni) u l-kontrolli li huma rekwiżiti b'żieda mal-leġiżlazzjoni ġenerali marbuta mal-kontrolli u s-sigurtà alimentari.

2. Miri

- Il-kampanji ta' informazzjoni u ta' promozzjoni huma limitati għall-prodotti li jsiru fl-UE.
- Il-mira tagħhom tikkonsisti:
 - fli jkunu garantiti informazzjonijiet oġġettivi u kompluti dwar ir-regoli ta' sistemi ta' produzzjoni komunitarji u nazzjonali għas-sigurtà ta' prodotti b'bażi ta' laħam tat-tjur; b'mod partikulari informazzjoni kompluta u preċiża dwar ir-regoli ta' kummerċjalizzazzjoni trid tkun imwassla lill-konsumatur;
 - fli jkun infurmat il-konsumatur dwar id-diversità u l-kwalitajiet organoleptiċi u nutrittivi tal-laħam tat-tjur;
 - fli tkun miġbuda l-attenzjoni tal-konsumatur dwar it-traċċabbiltà.

3. Gruppi fil-mira

- Konsumaturi u assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi
- Persuni responsabbli mix-xiri ta' kuljum
- Istituzzjonijiet (ristoranti, sptarijiet, skejjel, eċċ.)
- Distributuri u assoċjazzjonijiet ta' distributuri
- Ġurnalisti u opinjonisti

4. Messaġġi prinċipali

- Il-laħam tat-tjur mibjugħ fit-territorju tal-UE huwa l-mira ta' regoli Komunitarji li jkopru flimkien il-katina tal-produzzjoni, l-ippakkjar u l-konsum.
- Miżuri ta' sigurtà fosthom dawk ta' kontrolli jkunu fis-seħħ.
- Pariri ġenerali dwar l-iġjene marbuta mal-użu ta' prodotti alimentari li joriġinaw mill-animali.

5. Strumenti prinċipali

- Internet
- Miżuri ta' relazzjonijiet pubbliċi mal-mezzi tal-massa u l-pubbliċità (stampa xjentifika u speċjalizzata, rivisti għannisa, ġurnali, rivisti dwar l-ikel)
- Kuntatti mal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi
- Mezzi ta' komunikazzjoni awdjoviżivi
- Dokumentazzjoni miktuba (karti volanti, fuljetti, eċċ.)
- Informazzjoni fil-postijiet ta' bejgħ

6. Tul u kobor tal-programmi

Il-programmi għandu jkollhom mill-inqas kopertura nazzjonali jew li jikkonċernaw diversi Stati Membri.

Minn 12 sa 24 xahar, bi preferenza għall-programmi pluriannwali billi jstabbilixxu miri ġustifikati għal kull stadju.”